MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72/8

**It-Tlieta 31 ta` Mejju 2022**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja Itaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| 072.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji; |
| 072.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti; |
| 072.3 | Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri; |
| 072.4 | Jum il-Gudja 2022; |
| 072.5 | Rapporti; |
| 072.6 | Temi oħra tal-Kunsill Lokali;<br>a. Triq iż-Żebbuġa – progress<br>b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress<br>c. Ġnien Raymond Caruana – progress<br>d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh |
| 072.7 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; |
| 072.8 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss. |

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u ghoxrin ta` filghaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 072.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li s-Sur Mario Calleja li kien ser jattendi aktar tard ghall-laqgha.

## 072.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (70/8 [08/04/2022] (71/8 [26/04/2022])

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 70/8 u 71/8 nem con.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

Prezentat il-permess ta` installazzjoni ta` road hump fi Triq il-Fidwa (l-parti ta` isfel) fejn Wesgha Anglu Dalli u dan sabiex il-vetturi jnaqqsu mill-velocita u jigi evitat kull incident li jista` jinholoq. Prezentat il-permess li nhareg minn TM sabiex jigu nstallati tabelli u jsiru sinjali ta` 30km/hr fi Triq il-Kbira. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isiru xi sinjali ta` traffiku f'din l-istess triq li turi li triq tidjieq.

Is-Sindku ghamlet referenza ghac-charging pillars f'diversi siti fil-lokalita tal-Gudja. Il-Kunsill qabel mall-postijiet proposti dawk fi Triq R.Caruana, Triq il-Mithna c/w Triq l-Awrikarja, Triq Dun Pietru Farrugia u Triq Xlejli (mall-genb ta` Gnien Glormu Cassar).

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill gie mgharraf mill-kuntrattur tal-gonna li ser jwaqqaf is-servizz tal-manutenzjoni tal-gonna fil-Gudja f'Gunju 2022. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiehu hsieb igib l-ilma biex isir tisqija tal-Gnien R.Caruana u soft ares l-ohra. Is-Sindku proponiet sabiex tinhareg default notice ghax-xahar ta` April u Mejju 2022. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-laqgha li kellha mall-DG tal-Public Works fejn gie diskuss il-progett ta` Gnien R.Caruana u l-binja tal-Kunsill f'dan l-istess gnien. Is-Sindku ziedet tghid li minn naha tal-Works ser jinhadmu u jintbghatu BOQ`s seperati ta` dawn iz-zewg progetti.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minn IM dwar ir-reservior tal-pjazza sabiex dan jinfetah biex jigi uzat. Il-Kunsillier S Caruana qal li jista` jkun li dan il-gibjun huwa tal-Kurja. Il-Kunsill qabel li minn naha tieghu juri li m`hemmx ogezzjoni jekk jindika li dawn huwa tal-Gvern.

Is-Sindku ghamlet refrenza ghall-un/loading bay fi Triq Pietro Cagliardi habba l-gabbna ta` Gnien R.Caruana. Is-Sindku proponiet li jsir communal un/loading bay fil-hinijiet ta` filghaxija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Prezentata ittra minn TM dwar permess ta` reserved parking fi Triq San Ciru ghal sena.

18:22hr Il-Vici Sindku JM Calleja nghaqqad fil-laqgha.

Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minn TM dwar talba li waslet ghandhom biex isir un/loading bay fi Vjal it-Torri.

Giet prezentata kwotazzjoni tal-man hole cover tal-hadid ta` shelter ta` Triq Santa Katerina li tammonta ghal madwar 1,700Euro. Dwar dan il-Kunsill qabel li jmur ghall-irhas offerta.

Prezentata ittra li ntbghatet mill-kazin Marija Assunta fejn talbu sabiex il-Kunsill jghin fil-hlas ghas-servizz li ser jinghata meta l-banda ddoqq barra mir-rahal. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jaghmel fond lill-ghaqdiet kollha tal-festa ta` hames mitt ewro kull entita li dawn jintuzaw meta jtellu xi programm jew kuncert fil-festa ta` titular Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Giet prezentata korrispondenza dwar il-plastic bottle machine, fejn gie ssuggeriet li din isir fi Vjal it-Torri. Il-Kunsill talab sabiex tintbghat lilu ritratt tal-magna sabiex il-Kunsill ikollu idea ahjar ta` fejn l-ahjar post li din tigi mqeghda.

Giet prezentata enforcement notice li harget mill-PA f`sit fi Triq l-Ghelejjel.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ircieva l-approvazzjoni mill-Lands tal-Open Air Gym.

Giet prezentata korrispondenza dwar il-possibilta` li jsir dog park fil-Gudja. Il-Kunsill qal li sfortunatament fil-lokalita m`hemmx post adattat ghal dan il-park.

Is-Sindku prezentat ir-rapport tal-contracts manager tas-servizzi li qeghdin jinghataw fil-Gudja ghax-xahar ta` Mejju.

Is-Sindku ghamlet referenza ghal talba li saret minn Iona Dalli sabiex titella` attivita fi Gnien R.Caruana fis-27 ta` Awwissu. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill Regjonali kien ser johrog sejha ghall-gbir ta` skart, fejn ser ikun kuntrattur wiehed li ser jiprovdi servizz lill-Kunsilli kollha li jaghqu taht ir-Regjun.

Giet prezentata korrispondenza li waslet mill-Kunsill ta` Giove, l-Italja, fejn proponew sabiex isir gemellagg bejn iz-zewg ibliet ta` Giove u l-Gudja. Il-Kunsill laqa` din it-talba u s-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jinforma lis-Sindku ta` Giove li l-Kunsill tal-Gudja huwa lest biex jibda dan il-process ta` gemellagg.

18:55hr Il-Kunsilliera M Micallef talbet biex tigi skuzata mill-laqgha.

**072.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

072.3.1 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-parkegg mhux ikkontrollat li qed isir fil-pjazza specjalment fil-hinijiet ta` filghodu u ta` filghaxija. Is-Sur Caruana talab sabiex isir spezzjoni mill-ufficjali tal-LESA.

072.3.2 Il-Kunsilliera M Micallef rrapurtat li zurieqa ta` tfal iz-zghir fi Gnien R.Caruana ghandha bzonn manutenzjoni.

072.3.3 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir bieb ghall-pitch li sar fi Gnien Glormu Cassar biex jigi protteti nies li jkunu fil-gnien minn xi daqqa ta` ballun.

072.3.4 Il-Kusillier S Caruana ghamel referenza ghall-bollards li kellhom isiru mad-dawra tal-Palazz.

072.3.5 Il-Vici Sindku JM Calleja propona sabiex tizdied is-sleeping policeman li kienet saret fi Triq J. Gravina.

072.3.6 Il-Vici Sindku JM Calleja ghamlet referenza ghall-mghaqqad tal-ilma li qed izomm quddiem in-nicca ta` Triq ta` Loretu.

072.3.7 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jinforma lir-residenti meta jkun hemm xi triq maghluqa.

072.3.8 Il-Kunsillier S Caruana ghamlet referenza ghal bzonn li tigi rrangata l-bankina ta` Triq il-Lewz.

072.3.9 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jitloba biex isir bus shelter fil-bus stop ta` Tajjara.

072.3.10 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir yellow line mad-dawra ta` Wesgha Anglu Dalli.

**072.4 Jum il-Gudja**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivitajiet relatati ma` Jum il-Gudja 2022, fejn is-Sindku prezentat iz-zewg proposti ta` zewg kazini ghall-Gieh il-Gudja 2022. Il-Kunsill b`vot unanimu qabel li Gieh il-Gudja jinghata lill-President tal-Gudja FC u lill-ex-President tal-istess klabb. Is-Sindku ziedet tghid li hija qed tiproponi hames ismijiet ohra li s-Sindku proponiet ghal Gieh il-Gudja, ghall-hidma li wettqu jew ghadhom iwettqu ghall-gid tal-komunita tal-Gudja. Is-Sindku nominat lill-Onor. Mark Anthony Sammut, lill-Arcipriet Fr. Norman Zammit, is-Sur Ivan Mangion, Skali Gudja, Agones SFC u Grupp Zghazagh Gudja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-quddiesa ser isir fis-6.30pm flok 7.00pm. Wara diskussjoni, is-Sindku proponiet li l-Kunsill jibghat iz-zewg ghaqdiet habba l-mass band ta` dakinhar ta` Jum il-Gudja. Il-Kunsill qabel li rotta ta` din is-sena ser isir minn Triq San Ciru ghar -rotta ta soltu. Is-Sindku ziedet tghid li programm tal-15 ta` Lulju ser ikun l-ewwel parti celebrazzjoni ta` Jum il-Gudja bil-prezentazzjonijiet tal-Gieh il-Gudja u diskorsi u wara varjeta ta` muzika. Is-Sindku prezentat ukoll l-poster li gie mhejji ghall-kompetizzjoni ta` tpingija u rakkont ghal tfal ta` bejn il-hamsa u sittax – il sena, fejn jinghata premju lir-rebbieh ta` kull kategorija. Is-Sindku proponiet ukoll li ssir harga ghall-Ghawdex fl-okazzjoni ta` Jum il-Gudja 2022.Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex ghal dakinhar tal-okazzjoni jintramaw bnadar tal-Gudja quddiem il-Knisja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.Il-Vici Sindku JM Calleja propona li jingieb it-train ghal matul l-attivita.

**072.5 Rapporti**

Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ghall-ewwel kwart tas-sena (Jan-Mar 2022). Ir-rapport gie approvat unanimament.

**072.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh**

Gie prezentat ic-certifkazzjoni tal-perit tax-xoghlijiet li saru fil-hitan tas-sejjieh fl-area ta` Bir Miftuh. Il-Kunsill approva li jsir dan il-pagament.

**072.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti nru 37/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €137,049.59 u ġiet approvata nem con.

**072.8 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u ghoxrin ta` filghaxija (8.20pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 21 ta` Gunju 2022 fil-5:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum It-Tnejn 27 ta` Gunju 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv